



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0327/2010

16.11.2010

RAPPORT

dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 8/2010 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III – Il-Kummissjoni (0000/2010 – C7-0000/2010 – 2010/2217(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: László Surján

PR_BUD_DAB

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	5
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	7

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar
(0000/2010 – C7-0000/2010 – 2010/2217(BUD))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2009 tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹, u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, adottat b'mod definitiv fis-17 ta' Diċembru 2009²,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interisituzzjonal tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja solida³,
 - wara li kkunsidra l-abbozz tal-baġit emendantorju Nru 8/2010 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, ippreżentat mill-Kummissjoni fl-24 ta' Settembru 2010 (COM(2010)0533),
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit emendantorju Nru 8/2010, stabbilit mill-Kunsill fl-2010 ((0000/2010 – C7-0000/2010)),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 75b u 75e tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0327/2010),
- A. billi l-Abbozz tal-baġit emendantorju Nru 8/2010 għall-baġit ġenerali 2010 jkɔpri l-punti li ġejjin:
- mobbilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE għall-ammont ta' EUR 13 022 500 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet fir-rigward tal-effetti tal-ġargħar fl-Irlanda,
 - tnaqqis korrispondenti fl-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet ta' EUR 13 022 500 mill-linja 04 02 01 - Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) Objettiv 1 (2000-2006),
- B. billi l-għan tal-Abbozz tal-baġit emendantorju Nru 8/2010 huwa li dan l-aġġustament

¹ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

² ĠU L 64, 12.3.2010.

³ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

baġitarju jiddaħħal b'mod formal i fil-baġit tal-2010,

1. Jieħu nota tal-Abbozz tal-baġit emendantorju Nru 8/2010;
2. Japrova l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz tal-baġit emendantorju Nru 8/2010 mingħajr emendi u jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-Abbozz tal-baġit emendantorju Nru x/2010 ġie adottat b'mod definitiv u biex jiżgura li jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Skont l-Artikolu 37(1) tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni tista' tressaq abbozzi ta' bağıts emendantorji jekk ikun hemm "ċirkustanzi li ma jistgħux jiġu evitati, li jkunu eċċeżżjonali jew li ma jkunux prevedibbli".

Dwar il-punti differenti tal-Abbozz tal-baġit emendantorju Nru 8/2010, ir-rapporteur tagħkom għandu dawn il-kummenti li ġejjin:

1. Mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE

Il-Kummissjoni Ewropea fl-24 ta' Settembru 2010 pproponiet Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà, li hija bbażata fuq id-dispożizzjonijiet tal-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

Il-kundizzjonijiet tal-eliġibilità għall-Fond huma mogħtija fid-dettall hawnhekk kif ukoll fir-Regolament tal-Kunsill n° 2012/2002¹ li jistabbilixxi l-FSUE. Huwa importanti li jiġi innotat li l-objettiv tal-Fond mhuwiex il-kumpens għal ħsara privata imma li tīgħi msewwija l-infrastruttura u li huwa għoddha ta' rifinanzjament;

Għandu jiġi innotat li matul is-sena bagħitarja 2010 din il-proposta hija l-ewwel proposta għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà. Il-Ftehim Interistituzzjonali jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà sal-limitu massimu annwali ta' EUR biljun. L-awtoritat jiet Irlandiżi jistmaw li d-dannu dirett totali kkawżat mid-diżzastru huwa ta' EUR 520,9 miljun. Dan l-ammont jirrapreżenta madwar 55,68 % tal-limitu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà applikabbli għall-Irlanda fl-2010 ta' EUR 935,45 miljun (jiġifieri 0,6% tad-DGN bbażat fuq id-data tal-2008).

Id-deċiżjoni tal-mobilizzazzjoni hija s-suġġett ta' abbozz ta' rapport parallel li jirrakkomanda li d-deċiżjoni tīgħi approvata. Dan l-abbozz ta' baġit emendantorju jsegwi d-deċiżjoni bażika skont il-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

2. Finanzjament

Il-Kummissjoni tiproponi li l-ammont ta' EUR 13 022 500 jiġi mmobilizzat mil-limitu massimu ta' EUR 1 000 miljun f'approprazzjonijiet għall-impjenji u għall-ħlasijiet fir-riġward tal-effetti tal-għargħar fl-Irlanda. Qed jiġi propost li jiġu riallokati l-approprazzjonijiet għall-ħlasijiet korrispondenti mill-Kapitolu 04 02 01 - Tlestija tal-FSE - Objettiv 1 (2000-2006).

Il-baġit annwali totali disponibbli għall-Fond ta' Solidarjetà huwa ta' EUR 1 000 miljun. Fl-2010, għadu ma ġie assenjal xejn għal applikazzjonijiet aktar bikrija u dan ħalla s-somma ta' EUR 1 000 miljun disponibbli kollha kemm hi.

Dan l-ammont ta' kumpens se jħalli tal-anqas 98,6 % tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni

¹ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3-8.

Ewropea disponibbli biex jiġi allokat matul il-bqija tas-sena.

Konsegwentement, fl-Abbozz tal-baġit emendantorju (ABE Nru 8/2010 tal-24 ta' Settembru 2010) il-Kummissjoni għamlet il-proposta li tidher hawn taħt biex jingħataw l-ammonti ta' għajjnuna li ġejjin:

Ċifri - Fond ta' Solidarjetà

Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2010		Baġit emendantorju Nru 8 8		Ammonti ġodda	
			AI	AH	AI	AH	AI	AH
13 06	Fond ta' Solidarjetà							
13 06 01	Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea — Stati Membri	3.2	p.m.	p.m.	13 022 500	13 022 500	13 022 500	13 022 500
	Artikolu 13 06 01		p.m.	p.m.	13 022 500	13 022 500	13 022 500	13 022 500

Qed jiġi propost li jiġi riallokat l-ammont ta' EUR 13 022 500 f'approrjazzjonijiet għall-ħlasijiet mill-qasam tal-politika 4 Impieggi u Affarijiet Soċjali

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Baġit 2010		Abbozz ta' baġit emendantorju Nru 8/2010		Ammonti ġodda	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
04 02	Fond Soċjali Ewropew							
04 02 01	Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) — Oġġettiv 1 (2000 sa 2006)	1.2	p.m.	280 800 000		-13 022 500	p.m.	267 777 500

Ir-Rapporteur jipproponi għalhekk li l-Abbozz tal-Baġit Emendantorju 8/2010 propost jiġi aċċettat.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	9.11.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alvaro, Reimer Böge, Lajos Bokros, Giovanni Collino, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Jutta Haug, Jiří Havel, Monika Hohlmeier, Ivailo Kalfin, Sergej Kozlik, Barbara Matera, Claudio Morganti, Miguel Portas, Dominique Riquet, László Surján, Helga Trüpel, Derek Vaughan, Angelika Werthmann
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi